

32004R0740

22.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 116/9

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 740/2004

tal-21 ta' April 2004

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 141/2004 li jstabbilixxi r-regoli dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 f'dak li jirrigwardja l-miżuri ta' l-iżvilupp rurali transizzjonali applikabbli għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Liwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Poland, l-Islovenja u l-Islovakkja, u partikolarment l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Poland, l-Islovenja u l-Islovakkja, u partikolarment l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 33j tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Akriġolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG) u li jemenda u jħassar ċerti Regolamenti<sup>(1)</sup>, jipprovdi għal appoġġ temporanju speċifiku li għandu jkun mogħti lill-bdiewa attivi l-ħin kollu fil-biedja ġewwa Malta. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni ipprovduta mill-awtoritajiet Maltin, limiti massimi għandhom ikunu stabbiliti, fi ħdan il-kuntest tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2004<sup>(2)</sup>, għat-tliet tipi ta' pagamenti li hemm provvediment dwarhom.
- (2) L-Artikolu 331(2a) u (2b) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 jstabbilixxi derogi għal ċerti disposizzjonijiet tal-miżura reletata mal-konformità tan-normi stabbiliti fl-Artikoli 21a, 21b u 21c ta' dak ir-Regolament. Regoli dettaljati għandhom ikunu stabbiliti dwar l-applikazzjoni ta' dawn id-derogi.
- (3) Il-lista ta' miżuri ta' l-iżvilupp rurali fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 141/2004 għandha aktar minn hekk, tkun imqarriba mal-lista stabbilita fil-punt 8 ta' l-Anness II ta' l-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Akriġolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG).
- (4) It-tabella tal-finanzi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 141/2004 tipprovdi wkoll għall-indikazzjoni tan-nefqa ta' "Azzonijiet oħrajn". It-tipi ta' azzonijiet koperti b'din l-intestatura għandhom ikunu speċifikati.

- (5) Permezz ta' l-Artikolu 331(4) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 il-klassifikazzjoni ta' żoni friskju min-nirien tal-foresti għandha tkun ippreżentata bħala parti mill-pjan ta' l-iżvilupp rurali. L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 141/2004 għandu għalhekk ikun issupplimentat kif xieraq.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 141/2004 għandu għalhekk ikun emendat kif xieraq.
- (7) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Istrutturi Agrikoli u l-Iżvilupp Rurali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2004 huwa b'hekk emendat kif ġej:

1. fil-Kapitolu III, l-Artikolu 5a li ġej huwa miżjud:

“Artikolu 5a

**Bdiewa involuti il-ħin kollu fil-biedja f'Malta**

L-ammont tal-pagamenti li hemm provvediment dwarhom fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 33j tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 m'għandux jeċċedi l-limitu massimu annwali f'kull qasam u f'kull unità annwali tax-xogħol stabbilita fl-Anness I, il-punt A.”

2. Il-Kapitolu IV huwa mibdul b'dan li ġej:

“KAPITOLU IV

**DEROGI APPLIKABBLI GĦALL-ISTATI MEMBRI ĠODDA**

Artikolu 5b

**L-implimentazzjoni tan-normi mitluba**

1. L-ispiża relatata ma' l-investimenti meħtieġa sabiex norma tkun milħuqa, kif referuta fl-Artikolu 331(2b) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, għandha tkun stabbilita mill-awtorità pubblika kompetenti fil-għamla ta' spejjeż normali. Dawn l-ispejjeż normali għandhom ikunu kkalkolati fuq il-bażi tal-kriterja objettiva li tippermetti d-determinazzjoni ta' l-ispiża ta' l-attivitajiet individwali, billi jkun meqjusa l-kondizzjonijiet speċifiċi lokali u jkun evitat xi kumpens żejjed.

<sup>(1)</sup> ĠU L 160, tas-26.6.1999, pġ. 80. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni tal-2003.

<sup>(2)</sup> ĠU L 24, tad-29.1.2004, pġ. 25.

2. Bidwi li jirċievi appoġġ permezz ta' l-Artikolu 331(2b) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 sabiex jilħaq in-norma li diġà tkun torbot għandu jibqa' eliġibbli għall-allokkazzjonijiet ta' kumpens u ta' l-appoġġ agri-ambjentali referut fil-Kapitoli V u VI rispettivament tat-Titolu II ta' dak ir-Regolament matul il-perjodu ta' l-investment, bla ħsara tal-konformità mal-kondizzjonijiet l-oħrajn għall-għoti ta' dak l-appoġġ u basta li l-bidwi jkun jilħaq in-normi rilevanti fit-tmiem tal-perjodu ta' l-investment.

#### Artikolu 6

##### Ambjent agrikolu

L-ammont massimu annwali kull ettaru għaż-żamma u l-preservazzjoni tal-ħitan tas-sejjeħ f'Malta li hemm provvediment dwaru fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 33m(2) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 huwa indikat fl-Anness I, il-punt B.

#### Artikolu 7

##### Gruppi ta' produttori f'Malta

1. Biss dawk il-gruppi ta' produttori li jinkludu persentaġġ minimu tal-produtturi fis-settur u li jirrappreżentaw persentaġġ minimu tal-produzzjoni fis-settur għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ minimu li hemm provvediment dwaru fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 33d(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

2. L-ammont minimu ta' l-appoġġ, ikkalkolat bħala funzjoni ta' l-ispiża minima meħtieġa sabiex ikun iffurmat grupp żgħir ta' produttori, hija indikata fl-Anness I, il-punt C."

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' April 2004.

3. Il-punt 9a li ġej huwa mdaħħal fil-Kapitolu 9:

"Artikolu 9a

##### L-applikazzjonijiet u l-verifiki għall-miżuri li jimplementaw in-normi tat-talba

F'dak li jirrigwardja l-appoġġ permezz ta' l-Artikolu 331(2b) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, il-verifiki fuq l-applikazzjonijiet sabiex jissiehu fl-iskema, kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 445/2002 (jew fl-Artikolu 67 tar-Regolament il-ġdid) għandhom jippermettu verifika li l-investment huwa meħtieġ sabiex jilħaq in-norma f'dak il-każ. Meta applikazzjoni għas-sħubija fl-iskema tirrigwardja ammont annwali ta' għajjnuna b'eċċess ta' EUR 10 000, il-verifiki dwar din l-applikazzjoni għandhom jinkludu żjara fuq il-post.

Il-verifiki fuq l-applikazzjonijiet għall-pagament li hemm provvediment dwaru fl-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 445/2002 (jew 67 tar-Regolament il-ġdid), u għas-sostenn referut fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, għandhom jippermettu verifika li l-investment ikunu attwalment twettaq. Meta applikazzjoni għall-pagament tirrigwardja l-ammont annwali ta' għajjnuna b'eċċess ta' EUR 10 000, il-verifiki dwar din l-applikazzjoni għandhom jinkludu żjara fuq il-post."

4. L-Anness I huwa mibdul bl-Anness I ta' dan ir-Regolament.
5. L-Anness II huwa mibdul bl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
6. L-Anness III huwa emendat bi qbil ma' l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

##### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ suġġett għal, u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, tal-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX I

## "ANNEX I

**Tabella ta' l-ammonti għal miżuri speċifiċi f'Malta**

## A. Il-limitu massimu referut fl-Artikolu 5a

Suġġett	EUR	
Għajjnuna lill-bdiewa li huma nvoluti il-ħin kollu fix-xogħol tar-raba'		
Għall-art tas-saqwi	766	Kull ettaru
Għall-art mhux tas-saqwi	213	Kull ettaru
Għall-irziezet tal-qobla	67	Kull unità tal-qobla
Pagament massimu kull qasam	14 500	Għal kull unità annwali tax-xogħol

## B. Ammont massimu referut fl-Artikolu 6

Suġġett	EUR	
Pagament massimu għaż-żamma u l-preservazzjoni ta' ħitan tas-sejjeħ	2 000	Kull ettaru

## C. l-Ammont referut fl-Artikolu 7(2)

Suġġett	EUR	
Appoġġ għal-istabiliment ta' grupp ta' produttori	63 000	L-ewwel sena
	63 000	It-tieni sena
	63 000	It-tielet sena
	60 000	Ir-raba' sena
	50 000	Il-ħames sena"

## ANNEX II

## "ANNEX II

## Programmizzar annwali (il-kontribuzzjoni ta' l-UE f'miljuni EUR)

	2004	2005	2006
Il-pjan totali			

## Tabella finanzjarja globali indikattiva: programmi ta' l-iżvilupp rurali

(miljuni EUR)

	Perijodu tal-programmizzar 2004 - 2006		
	Spiża pubblika <sup>(1)</sup>	Kontribuzzjoni UE <sup>(2)</sup>	Kontribuzzjoni privata <sup>(3)</sup>
Priorità A			
Il-Miżura A1 (e.g. ambjent agrikoli u l-benessere ta' l-annimali)			
Il-Miżura A1: proġetti approvati permezz tar-Regolament (KE) Nru 1268/1999 <sup>(4)</sup>			
Il-Miżura A.2 ...			
... Il-miżura An			
<b>Total A</b>			
Priorità B ...			
Il-Miżura B1 (e.g. l-irtirar kmieni)			
Il-Miżura B2 ...			
... Il-Miżura Bn			
<b>Total B</b>			
Priorità C			
Il-Miżura C1 (e.g. gruppi tal-produtturi)			
Il-Miżura C1: proġetti approvati permezz tar-Regolament (KE) Nru 1268/1999 <sup>(4)</sup>			
Il-Miżura C2			
... Il-Miżura Cn			
<b>Total C</b>			
Priorità N			
Il-Miżura N1 (e.g. afforestazzjoni)			
Il-Miżura N1: proġetti approvati permezz tar-Regolament (KE) Nru 1268/1999			
Il-Miżura N2 ...			
... Il-Miżura Nn			
<b>Total N</b>			
Azzjonijiet oħrajn <sup>(5)</sup>			
Għajnuna teknika			
Evalwazzjoni			
<b>Total mal-miżuri l-oħrajn</b>			
<b>Total tal-pjan — (P) <sup>(6)</sup></b>			

<sup>(1)</sup> Kolonna riservata għal nefqa ippjanata (f'termini ta' l-ispiża pubblika), u ppreżentata għal skopijiet indikattivi.<sup>(2)</sup> Kolonna riservata għall-kontribuzzjoni tal-Komunità kif ippjanata għal kull miżura. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità li tappartjeni għall-ispiża li għandha tkun imħallsa, għandha tkun ikkalkolata bl-użu tar-rati u r-regoli stabbiliti fil-programm ta' kull miżura. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità tista' tkun ikkalkolata bħala funzjoni ta' l-ispiża pubblika eliġibbli (il-kolonna 2/il-kolonna 1) jew bħala funzjoni tan-nefqa eliġibbli totali (il-kolonna 2/il-kolonna 1 + il-kolonna 3).<sup>(3)</sup> Kolonna riservata għal nefqa ippjanata (f'termini tal-kontribuzzjoni privata), ippreżentata għal skopijiet indikattivi, meta kontribuzzjoni totali tkun ippjanata għall-miżura.

- (<sup>4</sup>) Spiża programmizzata prmezz ta' l-Artikolu 33(5) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003.
- (<sup>5</sup>) Spiża programmizzata prmezz ta' l-Artikolu 33(5) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003 għall-miżuri li dwarhom ma jkun hemm l-ebda miżura korrispondenti fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.
- (<sup>6</sup>) Il-bażi għall-kalkolazzjoni hija t-tabella għal-programm tal-finanzjament annessa mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova d-dokument tal-programmizzar, kif l-aħħar emendata.

Jekk l-istess miżura hija elenkata taħt iktar minn priorità waħda l-Istat Membru għandu jipprovi, għall skopijiet ta' amministrazzjoni finanzjarja, tabella addizzjonali li tikkonsolida l-infiq kollu relatat ma dik il-miżura. Dik it-tabella adizzjonali għandu jkollha l-istess struttura bħat-tabella t'hawn fuq u l-istess ordni bħal-lista ta' hawn taħt.

Il-miżuri varji huma definiti kif ġej:

- (a) investiment fl-irziezet;
- (b) għanuna tal-bidu għal bdiewa żagħżagħ;
- (c) taħriġ;
- (d) irtirar kmieni;
- (e) żoni anqas favoriti u żoni b'restrizzjonijiet ambjentali;
- (f) ambjent agrikolu u benessere ta' l-annimali;
- (g) proċess għat-titjib u l-marketing tal-prodotti agrikoli;
- (h) afforestazzjoni ta' art agrikola;
- (i) miżuri oħrajn ta' l-afforestazzjoni;
- (j) It-titjib ta' l-art;
- (k) Tqasim mill-ġdid ta' l-art;
- (l) L-istabbiliment ta' serħan ta' l-irziezet u s-servizzi ta' l-amministrazzjoni ta' l-irziezet, l-istabilizzar u l-provvediment ta' servizzi konsultattivi u informattivi;
- (m) *Marketing* ta' prodotti agrikoli ta' kwalità tajba, inklużi l-istabilizzar ta' l-iskemi tal-kwalità;
- (n) Servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali;
- (o) Ir-renovazzjoni u l-iżvilupp ta' rħula u l-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' l-eridità rurali;
- (p) Id-diversifikazzjoni ta' l-attivitatiet agrikoli u l-attivitatiet qrib ta' l-agrikoltura sabiex jipprovdu attivitatiet multipli jew sorsi alternattivi tal-dħul;
- (q) L-immaniġġjar tar-riżorsi ta' l-ilma għall-agrikoltura;
- (r) L-iżvilupp u t-titjib ta' l-infrasuttura marbuta ma l-iżvilupp ta' l-agrikoltura;
- (s) -ikurrigiment għal attivitatiet turistiċi u ta' l-artiġjanat;
- (t) Il-protezzjoni ta' l-ambjent b'konnessjoni ma l-amministrazzjoni ta' l-agrikoltura, il-foresterija u l-pajsaġġ u t-titjib tal-benessere ta' l-annimali;
- (u) Ir-restawr tal-produzzjoni agrikola mill-ħsara potenzali minn diżastir naturali u l-introduzzjoni ta' strumenti xierqa tal-prevenzjoni;
- (v) Inġinerija finanzjarja;
- (x) l-implementazzjoni tan-normi mitluba;
- (y) l-użu tas-servizzi konsultattivi għall-irziezet;
- (z) parteċipazzjoni fl-iskemi tal-kwalità ta' l-ikel;
- (aa) thegħiġ għal prodotti ta' kwalità għolja;
- (ab) is-semi-sopravivenza għall-irziezet waqt l-istrutturar;
- (ac) gruppi ta' produtture;
- (ad) konsultazzjoni teknika;
- (ae) suppliment għall-pagamenti diretti;
- (af) suppliment għall-għajnuna mill-Istat f'Malta;
- (ag) bdiewa involuti kontinwament fil-biedja ġewwa Malta.

Il-Miżuri (j) sa (v) jistgħu ikunu definiti bħala miżura waħda: (j) sabiex jinkorraġġixxu l-aġġustament u l-iżvilupp taż-żoni rurali.

## ANNEX III

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 141/2004 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. Il-punt II li ġej huwa miżjud mal-parti I:

“II. *Bdiewa involuti il-ħin kollu fil-biedja f'Malta*

A. Fatturi ewlenija:

— xejn.

B. Elementi oħrajn:

— definizzjoni ta' bdiewa li huma nvoluti l-ħin kollu fix-xogħol tar-raba”.

2. Is-sezzjoni 3 hija mibdula b'dan li ġej:

**“3. Derogi applikabbli għall-Istat Membri ġodda**

I. *L-implementazzjoni tan-normi li jorbtu*

A. Fatturi ewlenija:

— lista tan-normi li dwarhom l-ispejjeż ta' l-investment għandhom ikunu meqjusa u d-deskrizzjoni ta' l-investment meħtieġa.

B. Informazzjoni oħra:

- spejjeż normali ta' l-investment għal kull norma eliġibbli, inklużi d-dettalji tal-kalkolazzjoni li jiġġustifikaw l-ispiża normali,
- it-tul tal-perjodu(i) ta' l-investment għal kull norma eliġibbli u l-ġustifikazzjoni ta' l-għażla,
- id-disposizzjonijiet li jipprmettu verifika li l-investimenti b'appoġġ fil-kuntest tal-miżura 'Normi li jorbtu ta' l-implementazzjoni' ma humiex eliġibbli għal appoġġ permezz tal-Kapitolu I tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999,
- B'żieda mal-punt 12(2) ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 445/2002 (jew tar-Regolament il-ġdid), indikazzjoni ta' l-implementazzjoni ta' l-Artikolu 9a ta' dan ir-Regolment.

II. *Titjib fl-ipproċessar u fil-marketing tal-prodotti agrikoli*

A. Fatturi ewlenija:

— xejn.

B. Elementi oħrajn:

— lista ta' impriżi li jibbenefikaw mill-perjodu ta' transizzjoni referut fl-Artikolu 331(3) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

III. *Foresterija*

A. Fatturi ewlenija:

— xejn.

B. Elementi oħrajn:

— klassifikazzjoni tat-territorju bil-grad tar-riskju tan-nar tal-foresti.”

---